SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Ir-Raba’ Awla)

21 ta’ Jannar 2016*

“Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Kooperazzjoni ġudizzjarja f’materji ċivili — Għażla tal-liġi applikabbli — Regolamenti (KE) Nru 864/2007 u (KE) Nru 593/2008 — Direttiva 2009/103/KE — Inċident ikkawżat minn trakter u karru agganċjat miegħu, b’kull waħda mill-vetturi assigurata minn assiguraturi differenti — Inċident li seħħ fi Stat Membru differenti minn dak li fih ġew konklużi kuntratti ta’ assigurazzjoni — Azzjoni ta’ rkupru bejn l-assiguraturi — Liġi applikabbli — Kunċetti ta’ ‘obbligu kuntrattwali’ u ta’ ‘obbligu mhux kuntrattwali’”

Fil-Kawżi magħquda C-359/14 u C-475/14,

li għandha bħala suġġett talbiet għal deċiżjoni preliminari taħt l-Artikolu 267 TFUE, imressqa, rispettivament, mill-Vilniaus miesto apylinkės teismas (qorti distrettwali tal-belt ta’ Vilnius, il-Litwanja) u mil-Lietuvos Aukščiausiasis Teismas (qorti suprema tal-Litwanja), permezz tad-deċiżjonijiet tal-15 ta’ Lulju u tat-8 ta’ Ottubru 2014, li waslu fil-Qorti tal-Ġustizzja fit-23 ta’ Lulju u fis-17 ta’ Ottubru 2014, fil-proċeduri

“**ERGO Insurance” SE**, irrappreżentata minn “ERGO Insurance” SE Lietuvos filialas,

vs

“**If P&C Insurance” AS**, irrappreżentata minn “IF P&C Insurance” AS filialas (C-359/14),

u

“**Gjensidige Baltic” AAS**, irrappreżentata minn “Gjensidige Baltic” AAS Lietuvos filialas,

vs

“**PZU Lietuva” UAB DK** (C-475/14),

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Ir-Raba’ Awla),

komposta minn L. Bay Larsen, President tat-Tielet Awla, li qed jaġixxi bħala President tar-Raba’ Awla, J. Malenovský, M. Safjan (Relatur), S. Prechal u K. Jürimäe, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: E. Sharpston,

Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

* Lingwa tal-kawża: il-Litwan.

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

— għal "ERGO Insurance" SE, irrappreżentata minn "ERGO Insurance" SE Lietuvos filialas, minn M. Navickas, avukat,

— għal "Gjensidige Baltic" AAS, irrappreżentata minn "Gjensidige Baltic" AAS Lietuvos filialas, minn A. Rjabovs,

— għal "If P&C Insurance" AS, irrappreżentata minn "If P&C Insurance" AS filialas, minn A. Kunčiuvienė,

— għall-Gvern Litwan, minn R. Krasuckaitė u G. Taluntytė kif ukoll minn D. Kriaučiūnas, bħala aġenti,

— għall-Gvern Ġermaniż, minn T. Henze u J. Kemper, bħala aġenti,

— għall-Kummissjoni Ewropea, minn A. Steiblytė u M. Wilderspin, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tal-24 ta' Settembru 2015,

tagħti l-preżenti

## Sentenza

1 It-talbiet għal deċiżjoni preliminari jirrigwardaw l-interpretazzjoni tal-Artikolu 14(b) tad-Direttiva 2009/103/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-16 ta' Settembru 2009, dwar l-assigurazzjoni kontra responsabbiltà ċivili fir-rigward tal-użu ta' vetturi bil-mutur u l-infurzar tal-obbligu ta' assigurazzjoni kontra din ir-responsabbiltà (ĠU L 263, p. 11), kif ukoll tar-Regolamenti (KE) Nru 593/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-17 ta' Ġunju 2008, dwar il-liġi applikabbli għall-obbligazzjonijiet kuntrattwali (Ruma I) (ĠU L 177, p. 6, iktar 'il quddiem ir-"Regolament Ruma I") u (KE) Nru 864/2007, tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-11 ta' Lulju 2007, dwar il-liġi applikabbli għall-obbligazzjonijiet mhux kuntrattwali (Ruma II) (ĠU L 199, p. 40, iktar 'il quddiem ir-"Regolament Ruma II").

2 Dawn it-talbiet ġew ippreżentati fil-kuntest ta' żewġ kawżi bejn, rispettivament, "ERGO Insurance" SE u "If P&C Insurance" AS, u "Gjensidige Baltic" AAS (iktar 'il quddiem "Gjensidige Baltic") u "PZU Lietuva" UAB DK (iktar 'il quddiem "PZU Lietuva"), kumpanniji tal-assigurazzjoni, fir-rigward tal-liġi applikabbli għal azzjonijiet ta' rkupru eżerċitati bejn dawn il-partijiet, insegwitu għal inċidenti tat-traffiku li seħħew fil-Ġermanja.

**Il-kuntest ġuridiku**

*Id-dritt tal-Unjoni*

Ir-Regolament Ruma I

3 Skont il-premessa 7 tar-Regolament Ruma I:

"L-ambitu sostantiv u d-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament għandhom ikunu konsistenti mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 44/2001 tat-22 ta' Diċembru 2000 dwar ġurisdizzjoni u rikonoxximent u eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali [(ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 4, p. 42, iktar 'il quddiem ir-'Regolament 'Brussell I')] u r-Regolament [Ruma II]."

4 L-Artikolu 1(1) tar-Regolament Ruma I jiddefinixxi l-kamp ta' applikazzjoni ta' dan hekk kif ġej:

"Dan ir-Regolament għandu japplika, f'sitwazzjonijiet li jinvolvu konflitt tal-liġijiet, għal obbligazzjonijiet kuntrattwali f'materji ċivili u kummerċjali.

M'għandux japplika, partikolarment, għal kwistjonijiet fiskali, doganali jew amministrattivi."

5 L-Artikolu 4 ta' dan ir-regolament, intitolat "Liġi applikabbli fin-nuqqas ta' għażla", jipprevedi:

"1. Sa fejn il-liġi applikabbli għall-kuntratt ma ntgħażlitx skond l-Artikolu 3 u mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 5 sa 8, il-liġi li tirregola l-kuntratt għandha tkun determinata kif ġej:

(a) kuntratt għall-bejgħ ta' merkanzija għandu jkun regolat mil-liġi tal-pajjiż li fih il-bejjiegħ ikollu r-residenza abitwali tiegħu;

(b) kuntratt għall-forniment ta' servizzi għandu jkun regolat mil-liġi tal-pajjiż li fih il-fornitur tas-servizz ikollu r-residenza abitwali tiegħu;

(ċ) kuntratt relatat ma' dritt *in rem* fuq proprjetà immobbli jew ma' kiri ta' proprjetà immobbli għandu jkun regolat mil-liġi tal-pajjiż li fih tkun tinsab il-proprjetà;

(d) minkejja l-punt (c), il-kiri ta' proprjetà immobbli konkluż għall-użu privat temporanju għal perjodu ta' mhux aktar minn sitt xhur konsekuttivi għandu jkun regolat mil-liġi tal-pajjiż fejn il-proprjetarju jkollu r-residenza abitwali tiegħu, bil-kondizzjoni li l-kerrej ikun persuna fiżika u jkollu r-residenza abitwali tiegħu fl-istess pajjiż;

(e) kuntratt ta' konċessjoni għandu jkun regolat mil-liġi tal-pajjiż li fih il-konċessjonarju jkollu r-residenza abitwali tiegħu;

(f) kuntratt tad-distribuzzjoni għandu jkun regolat mil-liġi tal-pajjiż li fih id-distributur ikollu r-residenza abitwali tiegħu;

(g) kuntratt ta' bejgħ ta' oġġetti b'irkant għandu jkun regolat mil-liġi tal-pajjiż fejn iseħħ l-irkant, jekk tali post ikun jista' jiġi determinat;

(h) kuntratt konkluż fi ħdan sistema multilaterali li tgħaqqad flimkien jew tiffaċilita l-għaqda ta' bosta interessi multipli ta' xiri u bejgħ minn partijiet terzi fi strumenti finanzjarji, kif definit fl-Artikolu 4(1), punt (17) tad-Direttiva 2004/39/KE, skond regoli non diskriminatorji u regolat minn liġi waħda, għandu jkun regolat minn dik il-liġi.

2. Fejn il-kuntratt ma jkunx kopert mill-paragrafu 1 jew fejn l-elementi tal-kuntratt ikunu koperti minn aktar minn wieħed mill-punti (a) sa (h) tal-paragrafu 1, il-kuntratt għandu jkun regolat mil-liġi tal-pajjiż fejn il-parti li tkun meħtieġa twettaq il-prestazzjoni li tkun karatteristika tal-kuntratt ikollha r-residenza abitwali tagħha.

3. Meta jidher ċar miċ-ċirkostanzi kollha tal-każ li l-kuntratt huwa manifestament aktar marbut ma' pajjiż divers minn dak indikat fil-paragrafu 1 jew fil-paragrafu 2, għandha tapplika l-liġi ta' dak il-pajjiż l-ieħor.

4. Meta l-liġi applikabbli ma tkunx tista' tiġi determinata skond il-paragrafu 1 jew il-paragrafu 2, il-kuntratt għandu jkun regolat mil-liġi tal-pajjiż li miegħu għandu l-eqreb rabta."

6 L-Artikolu 7 ta' dan ir-regolament, intitolat "Kuntratti ta' assigurazzjoni", huwa fformulat kif ġej:

"1. Dan l-Artikolu għandu japplika għal kuntratti msemmija fil-paragrafu 2, irrispettivament minn jekk ir-riskju kopert ikunx jinsab fi Stat Membru jew le, u għall-kuntratti ta' l-assigurazzjoni l-oħrajn kollha li jkopru riskji li jkunu jinsabu fit-territorju ta' l-Istati Membri. Dan m'għandux japplika għal kuntratti ta' riassigurazzjoni.

2. Kuntratt ta' assigurazzjoni li jkopri riskju kbir kif definit fl-Artikolu 5(d) ta' l-Ewwel Direttiva 73/239/KEE tal-Kunsill ta' l-24 ta' Lulju 1973 dwar il-koordinazzjoni ta' liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi li jirrigwardaw il-bidu u t-twettiq tan-negozju ta' l-assigurazzjoni diretta barra mill-assigurazzjoni tal-ħajja [(ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 6, Vol. 1, p. 14), kif emendat bid-Direttiva 2005/68/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-16 ta' Novembru 2005 (ĠU L 323, p. 1)], għandu jiġi regolat mil-liġi magħżula mill-partijiet skond l-Artikolu 3 ta' dan ir-Regolament.

Sa fejn il-liġi applikabbli ma tkunx intgħażlet mill-partijiet, il-kuntratt ta' l-assigurazzjoni għandu jkun regolat mil-liġi tal-pajjiż fejn l-assiguratur ikollu r-residenza abitwali tiegħu. Meta miċ-ċirkostanzi kollha tal-każ ikun jidher ċar li l-kuntratt ikun manifestament aktar marbut ma' pajjiż ieħor, għandha tapplika l-liġi ta' dak il-pajjiż.

[…]

6. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, il-pajjiż li jkun jinsab fih ir-riskju għandu jiġi determinat skond l-Artikolu 2(d) tat-Tieni Direttiva 88/357/KEE tal-Kunsill tat-22 ta' Ġunju 1988 dwar il-koordinazzjoni ta' liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi li għandhom x'jaqsmu ma'assigurazzjoni diretta ta' xort oħra minn assigurazzjoni tal-ħajja u li jistipulaw id-dispożizzjonijiet li jiffaċilitaw l-eżerċizzju effettiv tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi [(ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 6, Vol. 1, p. 198) kif emendat bid-Direttiva 2005/14/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-11 ta' Mejju 2005 (ĠU L 149, p. 14)], u, fil-każ ta' l-assigurazzjoni tal-ħajja, il-pajjiż li fih ikun jinsab ir-riskju għandu jkun il-pajjiż ta' l-impenn fis-sens ta' l-Artikolu 1(1)(g) tad-Direttiva 2002/83/KE."

7 Skont l-Artikolu 15 ta' dan l-istess ir-regolament, intitolat "Surroga ġuridika":

"Fejn persuna ('il-kreditur') ikollha dritt kuntrattwali kontra oħra ('id-debitur') u persuna terza jkollha l-obbligu li tissodisfa lill-kreditur, jew fil-fatt issodisfat lill-kreditur fit-twettiq ta' dak l-obbligu, il-liġi li tirregola l-obbligu tal-persuna terza li tissodisfa lill-kreditur għandha tiddetermina jekk u sa liema punt il-persuna terza jkollha l-jedd li teżerċita kontra d-debitur d-drittijiet li l-kreditur kellu kontra d-debitur taħt il-liġi li tirregola r-relazzjoni tagħhom."

8 L-Artikolu 16 tar-Regolament Ruma I, intitolat "Pluralità ta' debituri", jiddisponi:

"Jekk kreditur ikollu pretensjoni kontra diversi debituri li jkunu marbuta mill-istess pretensjoni, u wieħed mid-debituri diġà ssodisfa l-pretensjonifis-sħiħ jew parzjalment, il-liġi li tirregola l-obbligazzjoni tad-debitur lejn il-kreditur għandha tirregola ukoll id-dritt tad-debitur li jitlob adempiment mid-debituri l-oħra. Id-debituri l-oħra jistgħu jeċċepixxu d-difiżi li kellhom kontra l-kreditur sal-limitu permess mil-liġi li tirregola l-obbligazzjonijiet tagħhom lejn il-kreditur."

9 L-Artikolu 23 ta' dan ir-regolament, intitolat "Relazzjoni ma' dispożizzjonijiet oħrajn tal-liġi Komunitarja", jipprevedi:

"Bl-eċċezzjoni ta' l-Artikolu 7, dan ir-Regolament m'għandux jippreġudika l-applikazzjoni ta' dispożizzjonijiet tal-liġi Komunitarja li, fir-rigward ta' kwistjonijiet partikolari, jistipulaw regoli tal-konflitt tal-liġijiet relatati ma' obbligazzjonijiet kuntrattwali."

Ir-Regolament Ruma II

10 Il-premessa 7 tar-Regolament Ruma II tistabbilixxi:

"Il-kamp sostantiv u d-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament għandhom ikunu konsistenti mar-Regolament [Brussel I] u l-istrumenti relattivi għal-liġi applikabbli għall-obbligazzjonijiet kuntrattwali."

11 Fi kliem l-Artikolu 4 ta' dan ir-regolament, intitolat "Regola ġenerali":

"1. Sakemm ma jkunx previst mod ieħor f'dan ir-Regolament, il-liġi applikabbli għal obbligazzjoni mhux kuntrattwali li tirriżulta minn delitt jew kważi-delitt ċivili għandha tkun il-liġi tal-pajjiż fejn iseħħ id-dannu irrispettivament mill-pajjiż fejn seħħ l-avveniment li wassal għad-dannu u irrispettivament mill-pajjiż jew pajjiżi fejn iseħħu l-konsegwenzi indiretti ta' dak l-avveniment.

2. Madankollu, fejn kemm l-persuna allegatament responsabbli kif ukoll il-persuna li ssofri d-dannu ikollhom ir-residenza abitwali tagħhom fl-istess pajjiż fil-mument meta jseħħ id-dannu, il-liġi applikabbli għandha tkun il-liġi ta' dak il-pajjiż.

3. Fejn ikun jidher ċar miċ-ċirkustanzi kollha tal-każ li d-delitt jew kważi-delitt ċivili huwa manifestament konness aktar mill-qrib ma' pajjiż divers minn dak indikat fil-paragrafi 1 jew 2, għandha tapplika l-liġi ta' dak il-pajjiż l-ieħor. Konnessjoni manifestament aktar mill-qrib ma' pajjiż ieħor tista' tkun ibbażata b'mod partikolari fuq relazzjoni pre-eżistenti bejn il-partijiet, bħal kuntratt, li tkun konnessa mill-qrib mad-delitt jew kważi-delitt ċivili in kwistjoni."

12 L-Artikolu 15 tar-Regolament Ruma II, intitolat "L-ambitu tal-liġi applikabbli", jipprevedi:

"Il-liġi applikabbli għall-obbligazzjonijiet mhux kuntrattwali taħt dan ir-Regolament għandha tirregola b'mod partikolari:

a) il-bażi u l-medda tar-responsabbiltà, inkluża d-determinazzjoni ta' persuni li jistgħu jinżammu responsabbli għal atti mwettqa minnhom;

b) ir-raġunijiet għal eżenzjoni mir-responsabbiltà, kwalunkwe limitazzjoni tar-responsabbiltà u kwalunkwe diviżjoni tar-responsabbiltà;

[...]"

13 L-Artikolu 18 ta' dan ir-regolament intitolat "Azzjoni diretta kontra l-assiguratur tal-persuna responsabbli", jiddisponi:

"Il-persuna li tkun sofriet id-dannu tista' tressaq it-talba tagħha direttament kontra l-assiguratur tal-persuna responsabbli sabiex jipprovdi l-kumpens jekk hekk ikun previst mill-liġi applikabbli għall-obbligazzjoni mhux kuntrattwali jew mill-liġi applikabbli għall-kuntratt ta' assigurazzjoni."

14 L-Artikolu 19 ta' dan l-istess regolament, intitolat "Surroga", huwa fformulat kif ġej:

"Fejn persuna ('il-kreditur') ikollha talba mhux kuntrattwali kontra oħra ('id-debitur'), u persuna terza jkollha dmir li tissodisfa lill-kreditur, jew tkun fil-fatt issodisfat lill-kreditur fit-twettiq ta' dak id-dmir, il-liġi li tirregola d-dmir tal-persuna terza li tissodisfa lill-kreditur għandha tiddetermina jekk, u sa liema punt, il-persuna terza tkun intitolata teżerċita kontra d-debitur id-drittijiet li l-kreditur kellu kontra d-debitur taħt il-liġi li tirregola r-relazzjoni tagħhom."

15 Skont l-Artikolu 20 tar-Regolament Ruma II, intitolat "Responsabbiltà multipla":

"Jekk kreditur ikollu talba kontra diversi debituri li jkunu responsabbli għall-istess talba, u wieħed mid-debituri diga' ssodisfa t-talba totalment jew parzjalment, il-kwistjoni tal-jedd ta' dak id-debitur li jitlob kumpens mid-debituri l-oħra għandha tkun regolata mill-liġi applikabbli għall-obbligazzjoni mhux kuntrattwali ta' dak id-debitur lejn il-kreditur."

16 L-Artikolu 27 ta' dan ir-regolament, intitolat "Ir-relazzjoni ma' dispożizzjonijiet oħra tal-liġi Komunitarja", jiddisponi:

"Dan ir-Regolament ma għandux jippreġudika l-applikazzjoni ta' dispożizzjonijiet tal-liġi Komunitarja li, relattivament għal materji partikolari, jistabbilixxu regoli tal-konflitt ta' liġijiet fir-rigward ta' obbligazzjonijiet mhux kuntrattwali."

Id-Direttiva 2009/103

17 Il-premessa 26 tad-Direttiva 2009/103 tistabbilixxi:

"Fl-interess tal-parti assigurata, kull polza tal-assigurazzjoni għandha tiggarantixxi għal premium wieħed, f'kull Stat Membru, il-kopertura meħtieġa mil-liġi tiegħu jew il-kopertura meħtieġa bil-liġi tal-Istat Membru ta' fejn il-vettura tkun normalment ibbażata, meta dik il-kopertura tkun akbar."

18 L-Artikolu 3(3) ta' din id-direttiva, intitolat "Assigurazzjoni obbligatorja għall-vetturi", jiddisponi:

"Kull Stat Membru għandu jieħu l-miżuri kollha xierqa biex jassigura li l-kuntratt tal-assigurazzjoni jkopri wkoll:

a) skont il-liġi fis-seħħ fl-Istati Membri l-oħra, kull telf jew korriment ikkawżat fit-territorju ta' dawk l-Istati;

[...]"

19 L-Artikolu 14 ta' din id-direttiva, intitolat "Premium wieħed", huwa fformulat kif ġej:

"L-Istati Membri għandhom jieħdu l-passi meħtieġa biex jassiguraw li l-poloz kollha tal-assigurazzjoni obbligatorja kontra r-responsabbiltà ċivili li toriġina mill-użu ta' vetturi:

a) jagħtu kopertura, abbażi ta' premium wieħed u matul l-iskadenza kollha tal-kuntratt, fit-territorju kollu tal-Komunità, inkluż għal kull perjodu meta l-vettura tibqa' fl-Istati Membri l-oħra matul il-perijodu tal-kuntratt; u

b) jiggarantixxu, fuq l-istess bażi tal-istess premium wieħed, f'kull Stat Membru, il-kopertura meħtieġa mil-liġi tiegħu jew il-kopertura meħtieġa mil-liġi tal-Istat Membru ta' fejn il-vettura tkun normalment ibbażata, meta dik tal-aħħar tkun akbar."

*Id-dritt Litwan*

20 Id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2009/103 ġew trasposti fid-dritt nazzjonali mil-liġi dwar l-assigurazzjoni obbligatorja kontra responsabbiltà ċivili li tikkonċerna l-użu ta' vetturi (TPVCAPDĮ), tal-5 ta' Marzu 2004 (Žin., 2004, Nru 46-1498), kif emendata bil-Liġi Nru X-1137, tas-17 ta' Mejju 2007 (Žin., 2007, Nru 61-2340, iktar 'il quddiem il-"Liġi dwar l-assigurazzjoni obbligatorja").

21 L-Artikolu 10(1) tal-liġi dwar l-assigurazzjoni obbligatorja, intitolat "Portata territorjali tal-kuntratt ta' assigurazzjoni":

"Wara l-ħlas ta' premium wieħed (globali), il-kuntratt ta' assigurazzjoni [ta' vettura normalment użata fit-territorju tal-Litwanja] jew il-kuntratt ta' assigurazzjoni tal-fruntiera jagħti, għat-tul kollu tal-kuntratt, inkluż kull perijodu meta l-vettura tkun użata fi Stati Membri oħra tal-Unjoni matul il-perijodu tal-kuntratt, f'kull wieħed mill-Istati, il-kopertura meħtieġa mil-liġi tagħha fil-qasam tal-assigurazzjoni obbligatorja tar-responsabbiltà ċivili tal-użu tal-vetturi, jew il-kopertura li tirriżulta minn din il-liġi meta din tkun ikbar. […]"

22 Fi kliem l-Artikolu 11 tal-liġi dwar l-assigurazzjoni obbligatorja, intitolat "Ammonti assigurati u primjum tal-assigurazzjoni":

"[…]

3. F'każ ta' ħsara kkawżata fi Stat Membru ieħor, il-kumpens imħallas mill-assiguratur huwa suġġett għall-ammonti ta' kopertura ffissati mil-leġiżlazzjoni ta' dan l-Istat Membru jew għall-ammonti ta' kopertura indikati fil-paragrafu 1 ta' dan l-artikolu meta dawn ikunu ikbar."

[…]"

23 L-Artikolu 16(1) ta' din il-liġi, intitolat "Prinċipji għall-ħlas ta' kumpens" jipprevedi:

"L-assiguratur responsabbli jew il-Bureau jħallas kumpens jekk l-utent ta' vettura jġorr responsabbiltà ċivili għal ħsara kkawżata lil terz. Il-kumpens għandu jitħallas b'konformità mal-leġiżlazzjoni li tirregola l-assigurazzjoni obbligatorja kontra responsabbiltà ċivili fir-rigward tal-użu ta' vetturi tal-Istat Membru li fih l-inċident tat-traffiku jkun seħħ.

[…]"

**Il-kawżi prinċipali u d-domandi preliminari**

*Il-Kawża C-359/14*

24 Fl-1 ta' Settembru 2011, fiż-żona ta' Mannheim (il-Ġermanja), trakter b'karru agganċjat miegħu, inqaleb waqt li kien qiegħed idur nofs ċirku. Fuq il-bażi tal-konstatazzjonijiet effettwati mill-pulizija li marru fuq il-post fejn seħħ l-inċident, ix-xufier tat-trakter kien iddikjarat responsabbli għall-inċident. Konsegwentement, l-assiguratur ta' din il-vettura, is-sussidjarja ta' "ERGO Insurance" SE, ħallas lill-vittmi ta' dan l-inċident ammont ta' LTL 7760.02 (madwar EUR 2 255). Sussegwentement, dan l-assiguratur adixxa l-qorti tar-rinviju sabiex l-assiguratur tal-karru, jiġifieri s-sussidjarja ta' "If P&C Insurance" AS, jiġi kkundannat iħallas nofs il-kumpens ta' assigurazzjoni li huwa kellu jħallas, peress li dan kellu jassumi responsabbiltà konġunta għad-dannu li ġie kkawżat.

25 Skont il-qorti tar-rinviju, hemm dubji dwar id-determinazzjoni tal-liġi applikabbli għall-kawża bejn iż-żewġ assiguraturi.

26 Kien f'dawn iċ-ċirkustanzi li l-Vilniaus miesto apylinkės teismas (qorti distrettwali tal-belt ta' Vilnius) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri u li tagħmel id-domandi preliminari li ġejjin lill-Qorti tal-Ġustizzja:

"1) Għandu l-Artikolu 4(4) [tar-Regolament Ruma I], li jipprovdi li, '[m]eta l-liġi applikabbli ma tkunx tista' tiġi ddeterminata skont il-paragrafu 1 jew il-paragrafu 2, il-kuntratt għandu jkun irregolat mil-liġi tal-pajjiż li miegħu għandu l-eqreb rabta', jiġi interpretat fis-sens li hija l-liġi Ġermaniża li tapplika f'sitwazzjonijiet bħala dik inkwistjoni f'dan il-każ?

2) Fil-każ ta' risposta negattiva għall-ewwel domanda hawn fuq, għandha r-regola stabbilita fil-Artikolu 4 [tar-Regolament Ruma II], tiġi interpretata fis-sens li, f'sitwazzjonijiet bħal dawk inkwistjoni f'dan il-każ, il-liġi applikabbli għat-tilwima bejn l-assiguratur tat-traktor u l-assiguratur tat-trejler [karru] tiġi ddeterminata skont il-liġi tal-pajjiż li fih iseħħ id-dannu kkawżat mill-inċident taċ-ċirkulazzjoni?"

*Il-Kawża C-475/14*

27 Fil-21 ta' Jannar 2011 seħħ inċident tat-traffiku fil-Ġermanja, li b'kawża tiegħu, trakter b'karru agganċjat miegħu, ikkawża dannu fuq proprjetà ta' persuni oħra. It-trakter kien kopert minn assigurazzjoni kontra responsabbiltà ċivili mis-sussidjarja Litwana ta' Gjensidige Baltic. Il-karru kien kopert minn assigurazzjoni kontra responsabbiltà ċivili konkluża ma' PZU Lietuva.

28 Il-qraba tal-vittmi ta' dan l-inċident ressqu talba għall-kumpens u Gjensidige Baltic ħallset kumpens ta' assigurazzjoni ta' ammont ta' LTL 4331.05 (madwar EUR 1 254). Gjensidige Baltic tqis li, peress li dawn il-kumpensi jkopru d-dannu kollu sostnut minn dawn il-vittmi, hija setgħat tressaq azzjoni ta' rkupru kontra PZU Lietuva għar-rimbors ta' nofs dan l-ammont, jiġifieri LTL 2165.53 (madwar EUR 629).

29 Permezz ta' sentenza tat-2 ta' Jannar 2013, il-Vilniaus miesto apylinkės teismas (qorti distrettwali tal-belt ta' Vilnius) laqgħet it-talba ta' Gjensidige Baltic. Hija kkundannat lil PZU Lietuva sabiex tirrimborsa lil din tal-aħħar il-kumpensi ta' assigurazzjoni mħallsa fl-ammont ta' LTL 2165.53, ammont miżjud bl-interessi bir-rata annwali ta' 6 %. Din il-qorti indikat li, konformement mal-Artikolu 4(1) tar-Regolament Ruma II, kien id-dritt Ġermaniż li għandu japplika għall-obbligazzjoni mhux kuntrattwali li tirriżulta mid-delitt jew kważi delitt. Skont id-dritt Ġermaniż, hemm lok li jkun hemm qsim tar-responsabbiltà minħabba fid-danni li jirriżultaw minn inċident

tat-traffiku kkawżat minn vettura b'karru agganċjat miegħu. Meta dan id-dannu huwa kkumpensat minn wieħed minn dawn l-assiguraturi, dan ikollu d-dritt li jirkupra nofs l-ammont minn assiguratur ieħor.

30 Permezz ta' sentenza tat-8 ta' Novembru 2013, il-Vilniaus apygardos teismas (qorti reġjonali ta' Vilnius) annullat is-sentenza tal-Vilniaus miesto apylinkės teismas (qorti distrettwali tal-belt ta' Vilnius) u ċaħdet l-azzjoni ta' rkupru ta' Gjensidige Baltic. Il-qorti tal-appell ikkonstatat li, f'dan il-każ, il-kwistjonijiet relatati mar-responsabbiltà ċivili li jirriżultaw mill-użu tal-vettura għandhom jiġu deċiżi fuq il-bażi tal-kuntratt ta' assigurazzjoni obbligatorja tar-responsabbiltà ċivili li tirriżulta mill-użu tal-vettura u li d-dispożizzjonijiet tar-Regolament Ruma II ma japplikawx. Fil-fatt, meta kuntratt ta' assigurazzjoni obbligatorja kien ġie konkluż fil-kawża prinċipali, is-sitwazzjoni inkwistjoni ma setgħatx tiġi koperta mir-responsabbiltà ċivili delittwali. Peress li l-obbligu ta' PZU Lietuva tnissel mill-kuntratt ta' assigurazzjoni obbligatorja, din il-qorti kkonkludiet għall-applikabbiltà tad-dritt Litwan.

31 L-appell ta' kassazzjoni minn Gjensidige Baltic quddiem il-qorti tar-rinviju kien intiż għall-ksib tal-annullament ta' din is-sentenza u għall-konferma tas-sentenza tat-2 ta' Jannar 2013 tal-Vilniaus miesto apylinkės teismas (qorti distrettwali tal-belt ta' Vilnius).

32 Il-qorti tar-rinviju tqis li l-kwistjoni essenzjalment tirrigwarda l-kwalifika tar-relazzjoni ġuridika bejn l-assiguraturi rispettivi tat-trakter u tal-karru u fuq id-determinazzjoni tal-liġi applikabbli għal din ir-relazzjoni. Din il-kwalifika hija determinanti għal din il-kawża, peress li l-ordinamenti ġuridiċi Litwani u Ġermaniżi jistabbilixxu prinċipji differenti ta' qsim ta' responsabbiltà bejn l-assiguratur tat-trakter u l-assiguratur tal-karru meta d-dannu huwa kkawżat minn vetturi agganċjati flimkien.

33 Barra minn hekk, huwa neċessarju li jiġi ddeterminat jekk, hekk kif issostni Gjensidige Baltic, l-Artikolu 14(b) tad-Direttiva 2009/103 jistabbilixxix regola ta' kunflitti tal-liġijiet li skont din tkun il-liġi tal-post tal-inċident li tkun applikabbli għal kawża bejn l-assiguraturi bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali.

34 Huwa f'dawn iċ-ċirkustanzi li l-Lietuvos Aukščiausiasis Teismas (qorti suprema tal-Litwanja) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri u tagħmel id-domandi preliminari segwenti lill-Qorti tal-Ġustizzja:

"1) L-Artikolu 14(b) tad-[Direttiva 2009/103] jistabbilixxi regola ta' kunflitti tal-liġijiet, li tapplika, *ratione personae*, mhux biss fir-rigward tal-vittmi tal-inċidenti tat-traffiku, iżda wkoll sabiex tiġi ddeterminata l-liġi applikabbli għar-relazzjoni ta' bejn l-assiguraturi tal-vetturi li jkunu kkawżaw id-dannu u din ir-regola ta' kunflitti tikkostitwixxi regola speċjali fir-rigward tar-regoli ta' kunflitti tal-liġijiet stabbiliti fir-Regolament [Ruma I u Ruma II?]

2) F'każ li tingħata risposta negattiva għall-ewwel domanda, jeħtieġ li jiġi ċċarat jekk ir-relazzjoni eżistenti f'din il-kawża bejn l-assiguraturi tistax tiġi kklassifikata bħala 'obbligazzjoni kuntrattwali' fis-sens tal-Artikolu 1(1) tar-Regolament Ruma I. Jekk ir-relazzjoni bejn assiguraturi taqa' taħt il-kunċett ta' 'obbligazzjoni kuntrattwali', jeħtieġ li jiġi stabbilit jekk din ir-relazzjoni legali hijiex ikkunsidrata bħala li taqa' taħt kuntratti ta' assigurazzjoni (relazzjonijiet legali) u jekk il-liġi applikabbli għandhiex tiġi ddeterminata skont regoli stabbiliti fl-Artikolu 7 tar-Regolament Ruma I.

3) F'każ li tingħata risposta negattiva għall-ewwel żewġ domandi, hemm lok li jiġi ċċarat jekk, f'każ ta' kawża għall-irkupru, ir-relazzjoni bejn l-assiguraturi ta' assjem ta' vetturi magħquda taqax taħt il-kunċett ta' 'obbligazzjonijiet mhux kuntrattwali' fis-sens tar-Regolament Ruma II u jekk din ir-relazzjoni għandhiex tiġi kkunsidrata bħala relazzjoni legali dderivata, li tirriżulta mill-inċident tat-traffiku (fatt dannuż) għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-liġi applikabbli skont l-Artikolu 4(1) tar-Regolament Ruma II. F'każ bħal dak ineżami fil-kawża odjerna, l-assiguraturi tal-assjem

tal-vetturi magħquda għandhom jiġu kkunsidrati bħala debituri responsabbli abbażi tal-istess obbligazzjoni fis-sens tal-Artikolu 20 tar-Regolament Ruma II u l-liġi applikabbli għar-relazzjoni eżistenti bejniethom għandha tiġi ddeterminata skont din ir-regola?"

35 Permezz ta' deċiżjoni tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja tad-19 ta' Novembru 2014, il-Kawżi C-359/14 u C-475/14 ġew magħquda għall-finijiet tal-proċedura orali, kif ukoll tas-sentenza.

**Fuq id-domandi preliminari**

36 Permezz tad-domandi tagħhom, li għandhom jiġu eżaminati flimkien, il-qrati tar-rinviju essenzjalment jistaqsu kif għandhom jiġu interpretati r-Regolamenti Ruma I u Ruma II kif ukoll id-Direttiva 2009/103 sabiex jiġu ddeterminati l-liġi jew il-liġijiet applikabbli fil-kuntest ta' azzjoni ta' rkupru tal-assiguratur ta' trakter, li indennizza l-vittma ta' inċident ikkawżat mix-xufier ta' dik il-vettura, fir-rigward tal-assiguratur tal-karru rmunkat f'dan l-inċident.

37 Għandu jiġi mfakkar li, hekk kif jirriżulta mill-Artikoli 1 tagħhom, ir-Regolamenti Ruma I u Ruma II armonizzaw ir-regoli ta' kunflitt tal-liġijiet applikabbli, f'materji ċivili u kummerċjali, rispettivament għall-obbligi kuntrattwali u għall-obbligi mhux kuntrattwali. Il-liġi applikabbli għal dawn iż-żewġ kategoriji ta' obbligi għandha tiġi ddeterminata permezz tad-dispożizzjonijiet stabbiliti minn wieħed miż-żewġ regolamenti, mingħajr preġudizzju, madankollu, għar-regoli msemmija fl-Artikoli 23 u 25 tar-Regolament Ruma I kif ukoll 27 u 28 tar-Regolament Ruma II.

38 F'dan ir-rigward, għandu jingħad li, minn naħa, b'risposta għad-domanda magħmula mil-Lietuvos Aukščiausiasis Teismas (qorti suprema tal-Litwanja) fil-Kawża C-475/14, li l-Artikolu 14(b) tad-Direttiva 2009/103 ma jistabbilixxix regola speċjali ta' kunflitt ta' liġijiet fir-rigward tar-regoli ta' kunflitt stabbiliti fir-Regolamenti Ruma I u Ruma II f'dak li jikkonċerna l-azzjonijiet ta' rkupru bejn assiguraturi u li ma jissodisfax għalhekk il-kundizzjonijiet imposti, rispettivament, fl-Artikoli 23 ta' Ruma I u 27 tar-Regolament Ruma II.

39 Id-Direttiva 2009/103 timponi lill-Istati Membri l-obbligu li jadottaw miżuri li jiggarantixxu li l-vittma ta' inċident tat-traffiku u l-utent tal-vettura inkwistjoni f'dan l-inċident ikunu protetti. Skont il-premessa 12, din id-direttiva għandha bħala għan ġenerali li tiżgura l-protezzjoni tal-vittmi billi tiggarantilhom li jibbenefikaw minn kopertura tal-assigurazzjoni minima.

40 La mill-kliem u lanqas mill-għanijiet tad-Direttiva 2009/103 ma jirriżulta li din hija intiża sabiex tistabbilixxi regoli ta' kunflitti tal-liġijiet.

41 B'mod partikolari, l-Artikolu 14 ta' din id-direttiva, moqri flimkien mal-premessa 26 ta' din, sempliċement jobbliga lill-Istati Membri jieħdu l-miżuri neċessarji sabiex il-poloz tal-assigurazzjoni tal-vetturi jkopru, fuq il-bażi ta' primjum uniku, it-territorju kollu tal-Unjoni Ewropea matul it-terminu tal-kuntratt, u sabiex abbażi ta' dak il-primjum, f'kull Stat Membru, jiggarantixxi l-kopertura meħtieġa mil-liġijiet tiegħu jew il-kopertura meħtieġa bil-liġi ta' Stat Membru li fih hija abitwalment stazzjonata l-vettura meta din il-kopertura hija ogħla.

42 Għalhekk din id-dispożizzjoni tikkonċerna esklużivament il-portata tat-territorju u l-livell ta' kopertura li l-assiguratur huwa meħtieġ jipprovdi, sabiex jiżgura protezzjoni adegwata lill-vittmi ta' inċidenti tat-traffiku. Ebda regola ma tista' tiġi dedotta li tgħid li l-leġiżlazzjoni tal-Istat Membru speċifiku jirregola l-qsim tar-responsabbiltà bejn l-assiguraturi.

43 Min-naħa l-oħra, f'dak li jirrigwarda l-kampijiet ta' applikazzjoni rispettivi tar-Regolamenti Ruma I u Ruma II, il-kunċetti ta' "obbligu kuntrattwali" u ta' "obbligu mhux kuntrattwali" li jinsabu fihom għandhom jiġu interpretati indipendentement, b'referenza għall-iskema u l-għanijiet ta' dawn ir-regolamenti (ara, b'analoġija, is-sentenza ÖFAB, C-147/12, EU:C:2013:490, punt 27). Għandu

jittieħed ukoll inkunsiderazzjoni, hekk kif jirriżulta mill-premessa 7 ta' kull wieħed minn dawn iż-żewġ regolamenti, l-għan ta' koerenza fl-applikazzjoni reċiproka ta' dawn ir-regolamenti, iżda wkoll tar-Regolament Brussell I, li b'mod partikolari jiddistingwi, fl-Artikolu 5 tiegħu, bejn il-qasam kuntrattwali u l-qasam delittwali jew kważi delittwali.

44 Jirriżulta mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar dan l-aħħar regolament li huwa biss obbligu ġuridiku assunt liberament minn persuna fil-konfront ta' persuna oħra u li fuqha hija bbażata l-azzjoni tal-applikant li taqa' taħt "il-qasam kuntrattwali" fis-sens tal-Artikolu 5(1) ta' dan ir-regolament (ara sentenza Kolassa, C-375/13, EU:C:2015:37, punt 39). B'analoġija, u konformement mal-għan ta' koerenza indikat fil-punt 43 ta' din is-sentenza, għandu jiġi kkunsidrat li l-kunċett ta' "obbligu kuntrattwali" fis-sens tal-Artikolu 1 tar-Regolament Ruma I, jindika obbligu ġuridiku assunt liberament minn persuna fil-konfront ta' oħra.

45 Fir-rigward tal-kunċett ta' "obbligu mhux kuntrattwali", fis-sens tal-Artikolu 1 tar-Regolament Ruma II, għandu jitfakkar li l-kunċett ta' "materji ta' delitt jew kważi delitt", fis-sens tal-Artikolu 5(3) tar-Regolament Brussell 1, jinkludi fih kull talba intiża biex tistabbilixxi r-responsabbiltà ta' rikorrent u li ma hijiex relatata mal-"qasam kuntrattwali", fis-sens tal-Artikolu 5(1) (sentenza ÖFAB, C-147/12, EU:C:2013:490, punt 32 u l-ġurisprudenza ċċitata). Barra minn hekk, għandu jiġi osservat, hekk kif jirriżulta mill-Artikolu 2 tar-Regolament Ruma II, li dan japplika għall-obbligi li jirriżultaw minn dannu, jiġifieri kwalunkwe dannu li jirriżulta minn delitt jew kważi delitt, minn arrikkiment indebitu, minn ġestjoni tan-negozju jew minn "*culpa in contrahendo*".

46 Fid-dawl ta' dawn l-elementi, "obbligu mhux kuntrattwali" għandu jinftiehem, fis-sens tar-Regolament Ruma II, bħala obbligu li japplika għal wieħed mill-avvenimenti elenkati fl-Artikolu 2 ta' dan ir-regolament u mfakkra fil-punt preċedenti.

47 F'dan il-każ, jirriżulta mid-digrieti tar-rinviju li l-obbligi kuntrattwali, fis-sens tar-Regolament Ruma I, jeżistu bejn l-assiguraturi u, rispettivament, l-utenti jew ix-xufiera tat-trakter u l-utenti tal-karru. Min-naħa l-oħra ma hemm l-ebda irbit kuntrattwali bejn iż-żewġ assiguraturi.

48 Barra minn hekk, l-eżistenza u l-portata tal-obbligu ta' kumpens lill-vittmi inkwistjoni fil-kawża prinċipali jiddependi, fuq kollox, fuq l-evalwazzjonijiet dwar l-inċidenti tat-traffiku li huma l-oriġini tad-dannu inkwistjoni. Dawn l-evalwazzjonijiet, ta' natura delittwali, huma esterni għar-relazzjoni kuntrattwali li tgħaqqad l-assiguraturi u l-persuni assigurati minnhom rispettivament.

49 Fir-rigward tal-possibbiltà għall-assiguratur ta' trakter, li jkun ikkumpensa vittma għad-dannu kollu li jkun sostna minħabba f'inċident li jinvolvi kemm dan it-trakter kif ukoll il-karru li kien hemm agganċjat miegħu, li jeżerċita azzjoni ta' rkupru fil-konfront tal-assiguratur tal-karru, għandu jkun innotat dan li ġej.

50 L-ewwel nett, l-eżistenza stess ta' dritt ta' rikors tal-assiguratur ta' trakter, li x-xufier tiegħu kkawża l-inċident, kontra l-assiguratur tal-karru agganċjat, ma jistax jiġi dedott mill-kuntratt ta' assigurazzjoni ladarba l-vittma hija kkumpensata, iżda tippresupponi r-rabta konkomitanti tar-responsabbiltà delittwali tal-utent ta' dan il-karru fir-rigward ta' din l-istess vittma.

51 Għalhekk, għandu jiġi nnotat li tali obbligu ta' kumpens impost fuq l-utent tal-karru għandu jiġi kkunsidrat bħala "obbligu mhux kuntrattwali" fis-sens tal-Artikolu 1 tar-Regolament Ruma II. Għaldaqstant, huwa fid-dawl tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-regolament li għandha tiġi ddeterminata l-liġi applikabbli għal dan l-obbligu.

52 Konformement mal-Artikolu 4 ta' dan ir-regolament, sakemm ma jkunx ipprovdut mod ieħor, il-liġi applikabbli għal tali obbligu mhux kuntrattwali għandha tkun dak tal-pajjiż fejn seħħ id-dannu, jiġifieri, fil-kawżi prinċipali, dak fejn id-dannu li jirriżulta direttament mill-inċident ikun sostnut (ara,

f'dan is-sens, is-sentenza Lazar, C-350/14, EU:C:2015:802, punt 24). Skont l-Artikolu 15(a) u (b) tar-Regolament Ruma II, din il-liġi tiddetermina l-kundizzjonijiet u l-portata tar-responsabbiltà kif ukoll ir-raġunijiet għall-qsim ta' din ir-responsabbiltà.

53 Għaldaqstant, huwa fid-dawl tal-liġi tal-post fejn seħħ id-dannu dirett, f'dan il-każ id-dritt Ġermaniż, li għandhom jiġu ddeterminati d-debituri tal-obbligu ta' kumpens tal-vittma kif ukoll, skont il-każ, il-kontribuzzjonijiet rispettivi tal-utent tal-karru u tal-utent jew tax-xufier tat-trakter għad-dannu kkawżat lill-vittma.

54 It-tieni nett, għandu jitfakkar li l-obbligu għal assiguratur li jikkumpensa d-dannu kkawżat lil vittma jirriżulta mhux minn dannu kkawżat lil din tal-aħħar, iżda mill-kuntratt li jorbtu mal-assigurat responsabbli. Tali kumpens għaldaqstant huwa bbażat fuq obbligu kuntrattwali u l-liġi applikabbli għal tali obbligu għandha tiġi ddeterminata konformement mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament Ruma I.

55 Fir-rigward tal-liġi applikabbli, għalhekk għandu jiġi mfittex, fil-kuntratt ta' assigurazzjoni tat-trakters, bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali, u f'dak tal-karrijiet agganċjati, rispettivament, jekk l-assiguraturi ta' dawn iż-żewġ tipi ta' vetturi kellhomx effettivament, konformement ma' dawn il-kuntratti, jikkumpensaw il-vittmi ta' inċident ikkawżat minn dawn tal-aħħar.

56 It-tielet nett, u fir-rigward tal-kwistjoni jekk l-assiguratur ta' trakter li jkun ikkumpensa vittma għandu, skont il-każ, rikors ta' surroga fil-konfront tal-assiguratur tal-karru, għandu jkun ikkunsidrat li l-Artikolu 19 tar-Regolament Ruma II jiddistingwi bejn l-kwistjonijiet suġġetti għas-sistema delittwali u dawk suġġetti għas-sistema kuntrattwali. Din id-dispożizzjoni tapplika b'mod partikolari għas-sitwazzjoni li fiha terz, jiġifieri l-assiguratur, ikun ikkumpensa lill-vittma ta' inċident, kreditur ta' obbligu delittwali ta' danni dovuti mix-xufier jew mill-utent ta' karozza, u dan sabiex jinħeles mill-obbligu li jissodisfa dan l-obbligu.

57 Speċifikament, l-Artikolu 19 tar-Regolament Ruma II jipprevedi li, f'dan il-każ, il-kwistjoni ta' surroga eventwali tad-drittijiet tal-vittma hija rregolata mil-liġi applikabbli għall-obbligu tat-terz, jiġifieri l-assiguratur tar-responsabbiltà ċivili, li jikkumpensa din il-vittma.

58 Għalhekk, l-obbligu tal-assiguratur li jkopri r-responsabbiltà ċivili tal-assigurat fir-rigward tal-vittma, li jirriżulta mill-kuntratt ta' assigurazzjoni konkluż mal-assigurat, u l-kundizzjonijiet li taħthom l-assiguratur jista' jeżerċita d-drittijiet li għandha l-vittma tal-inċident kontra l-persuni responsabbli mill-inċident, jiddependu mid-dritt nazzjonali li jirregola dan il-kuntratt ta' assigurazzjoni, iddeterminat skont l-Artikolu 7 tar-Regolament Ruma I.

59 Min-naħa l-oħra, il-liġi applikabbli għad-determinazzjoni tal-persuni li jistgħu jinżammu responsabbli kif ukoll il-qsim eventwali ta' responsabbiltà bejn dawn u l-assiguraturi rispettivi tagħhom jibqgħu suġġetti, konformement ma' dan l-Artikolu 19, għall-Artikoli 4 *et seq* tar-Regolament Ruma II.

60 Għandu jiġi kkunsidrat li, fil-każ li, skont il-liġi applikabbli taħt dawn id-dispożizzjonijiet tal-aħħar tar-Regolament Ruma II, il-vittma ta' inċident tat-traffiku kkawżat minn trakter b'karru agganċjat miegħu għandu dritt fil-konfront kemm tal-utent tal-karru kif ukoll fir-rigward tal-assiguratur ta' dan tal-aħħar, l-assiguratur tat-trakter, wara li jkun ikkumpensa lill-vittma, għandu dritt ta' rikors fil-konfront tal-assiguratur tal-karru sa fejn il-liġi applikabbli, skont l-Artikolu 7 tar-Regolament Ruma I, għall-kuntratt ta' assigurazzjoni jipprevedi għal surroga tal-assiguratur fid-drittijiet tal-vittma.

61 Għalhekk, hija l-qorti nazzjonali li għandha tistabbilixxi, l-ewwel nett, kif id-danni li għandhom jitħallsu lill-vittmi għandhom jinqasmu bejn, minn naħa, ix-xufier u l-utent tat-trakter u, min-naħa l-oħra, l-utent tal-karru, konformement mar-regoli tad-dritt nazzjonali applikabbli skont ir-Regolament Ruma II.

62 It-tieni nett, għandha tiġi ddeterminata, konformement mal-Artikolu 7 tar-Regolament Ruma I, il-liġi applikabbli għall-kuntratti ta' assigurazzjoni konklużi bejn l-assiguraturi rikorrenti fil-kawża prinċipali u l-assigurati rispettivi tagħhom, sabiex isir magħruf jekk u sa liema punt dawn l-assiguraturi jistgħu, permezz ta' surroga, jeżerċitaw id-drittijiet tal-vittma kontra l-assiguratur tal-karru.

63 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti kollha, hemm lok li tingħata risposta għad-domandi magħmula li l-Artikolu 14(b) tad-Direttiva 2009/103, għandu jiġi interpretat fis-sens li din id-dispożizzjoni ma fiha ebda regola speċjali ta' kunflitt intiża sabiex tiddetermina l-liġi applikabbli għall-azzjoni ta' rkupru bejn l-assiguraturi f'ċirkustanzi bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali.

64 Ir-Regolamenti Ruma I u Ruma II għandhom jiġu interpretati fis-sens li l-liġi applikabbli għal azzjoni ta' rkupru mill-assiguratur ta' trakter, li kkumpensa l-vittmi ta' inċident ikkawżat mix-xufier ta' dik il-vettura, fir-rigward tal-assiguratur tal-karru rmunkat f'dan l-inċident hija ddeterminata skont l-Artikolu 7 tar-Regolament Ruma I jekk ir-regoli tar-responsabbiltà delittwali applikabbli għal dan l-inċident taħt l-Artikoli 4 *et seq.* tar-Regolament Ruma II jipprevedu qsim tal-obbligu tal-kumpens għad-dannu.

## Fuq l-ispejjeż

65 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Ir-Raba' Awla) taqta' u tiddeċiedi:

**L-Artikolu 14(b) tad-Direttiva 2009/103/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-16 ta' Settembru 2009, dwar l-assigurazzjoni kontra responsabbiltà ċivili fir-rigward tal-użu ta' vetturi bil-mutur, u l-infurzar tal-obbligu ta' assigurazzjoni kontra din ir-responsabbiltà, għandu jiġi interpretat fis-sens li din id-dispożizzjoni ma fiha ebda regola speċjali ta' kunflitt intiża sabiex tiddetermina l-liġi applikabbli għall-azzjoni ta' rkupru bejn l-assiguraturi f'ċirkustanzi bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali.**

**Ir-Regolamenti (KE) Nru 593/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-17 ta' Ġunju 2008, dwar il-liġi applikabbli għall-obbligazzjonijiet kuntrattwali (Ruma I), u (KE) Nru 864/2007, tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-11 ta' Lulju 2007, dwar il-liġi applikabbli għall-obbligazzjonijiet mhux kuntrattwali (Ruma II), għandhom jiġu interpretati fis-sens li l-liġi applikabbli għal azzjoni ta' rkupru mill-assiguratur ta' trakter, li kkumpensa l-vittmi ta' inċident ikkawżat mix-xufier ta' dik il-vettura, fir-rigward tal-assiguratur tal-karru rmunkat f'dan l-inċident hija ddeterminata skont l-Artikolu 7 tar-Regolament Nru 593/2008 jekk ir-regoli tar-responsabbiltà delittwali applikabbli għal dan l-inċident taħt l-Artikoli 4 *et seq* tar-Regolament Nru 864/2007 jipprevedu qsim tal-obbligu tal-kumpens għad-dannu.**

Firem